MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru 747/2009

PULIZIJA
SPETTUR RAMON CASSAR
VS
KEVIN GAFFARENA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Kevin Gaffarena, ta' 24 sena, iben Martin u Sylvia nee' Sciberras, imwieled il-Pieta' fis-16 ta' Awwissu 1984, detentur tal-Karta ta' l-identita' bin-numru 439084(M) u residenti fil-fond numru 17, St. Martin, Murselli Str., Mqabba.

Illi huwa akkuzat talli:

1. fit-22 ta' Lulju 2009, f'xi hin bejn l-Erbgha ta' wara nofs inhar u t-tmienja u kwart ta' filghaxija, fuq bastiment bl-isem ta' 'Atlantis' fil-fliegu ta' bejn Malta u Ghawdex, ikkommetta serq ta' tlett "mobile phone", dokumenti u

oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) u bil-persuna ghad-dannu ta' Duane Carabott, Demaris Mifsud, Jan Voboril u/jew persuni ohra, liema reat bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

2. u aktar talli fl-istess jum u fil-jiem ta' wara d-data fuq imsemmija, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jew sar f'Malta jew barra minn dawn il-Gzejjer, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur Spettur Ramon Cassar, jirrizulta illi fit-23 ta' Lulju 2009 kien dahal rapport dwar serq ta' *handbag* kontenenti zewg *mobiles,* cwievet, *credit cards, wallet* – valur ta' € 700 - minn Demaris Mifsud, liema serqa sehhet waqt *photo shoot* ta' diversi mudelli fuq zewg dghajjes. Gara li whud mill-mudelli, fosthom Demaris Mifsud nghataw struzzjonijiet biex imorru fuq dghajsa ohra u biex jhallu l-effetti personali taghhom fuq l-vapur 'Atlantis'. Fuq dan il-vapur kienu baqghu l-imputat, li wkoll kien qed jimmudella, u persuna ohra.

Wara li l-*photo shoot* fuq it- tieni dghajsa spiccat, Demaris Mifsud indunat li l-*handbag* taghha kien gheb, u l-ghada ghamlet rapport l-Ghassa, waqt li l-mudell Jan Voboril ukoll sab il-basket tieghu nieqes.

Il-Pulizija, f'investigazzjoni taghhom, sabu li Demaris kellha *mobile number* 99909991 *Blackberry serial number* 354 005 024 428 1720; waqt li l-habib taghha, Dwayne

Carabott kellu *mobile number* 79512784 *Blackberry serial number* 3591 8101 1091 44.

Jirrizulta li Jan Voboril kellu *Nokia* bin-numru 99163616, *serial number* 353 767 007 009 881.

Ghaldaqstant saret talba lil *service providers* biex jintraccaw dawn il-*mobiles* u dawn kellhom rizultati positivi, f'Sejba Road Imqabba u *Parish Square*, l-Imqabba, filwaqt li fil-25 ta' Lulju, il-*mobile phone* ta' Dwayne Carabott gie uzat bis-*sim card* ta' l-imputat.

L-Ufficjal Prosekutur xehed (fol.13) illi kien investiga lill-imputat li rrilaxxa zewg stqarrijiet fejn qal li meta mar id-dar kien sab li xi hadd kien dahhal *hand bag* fil- hold- all tieghu, u li l-*mobiles* bdew iddoqqu u li hu kien tfieghhom. Stqarr li hu kien naqas li jirraporta lil pulizija ghaliex gie mahkum minn certu biza' u ghaliex kien ppjana li jirritornahom meta jerga' jidhol ix-xoghol.

L-istqarriji tieghu gew ezebiti bhala Dok.RC, Dok.RC1; ir-'*requests lis-service providers'* gew ezebiti bhala Dok.RC2 u Dok.RC3; ir-ritratti Dok.RC4, Dok.RC5 u Dok.RC6, '*letter to prosecute'* u sett ta wiehed u ghoxrin (21) ritratt tal- ogetti misruqa, misjuba fil- basket ta Gaffarena, Ircevuti RC 7, RC 8, RC 9 ; RC 10 mobile ta l- imputat ; u RC 11 basket ta' l- imputat.

In kontro ezami jirrizulta illi fuq l- Atlantis, apparti mill imputat, kien hemm persuna ohra li ma gietx rintraccata mill pulizija. Gie stabbilit illi fl- 24 ta Lulju l imputat kien xoghol fil-festa tad- distrett tieghu u kien iltaqa ma Dwayne Carabott li ma kien qallu xejn.

Mill istqarrija RC, l- imputat baqa jishaq li xi hadd pogga l-handbag fil hold all tieghu, li hu qabdu u tefghu fil- karozza tieghu bla ma fethu, li mal-lejl, il- mobiles qabdu icemplu u kien hemm li nduna bil- handbag u beda jibza u ma kienx jaf x' ser jaghmel u tfihom. Illi xi hin wara tefa is- sim card tieghu go wiehed mill- mobiles sabiex jara jitlax xi numru izda ma kienx jaf ihaddimhom.

L- imputat stqarr illi beda jibza li l- awtoritajiet ser jahsbu li seraq dan il- basket.

Fit- tieni stqarrija tieghu l- imputat stqarr li jaf li l- procedura kienet li jekk isib xi haga mhux tieghu ghandu jirritornha fl- ghassa tal-pulizija .

Illi dan kien ser jaghmlu meta jirritorna x- xoghol izda lahaq baghat ghalih l- Ufficjal Prosekutur. Hu stqarr li haseb li seta jaghmel dan b’ mod anonimu u li meta ra lil Dwayne Carabott ma setghax jghidlu b’ dawk in- nies kollha. Gara wkoll illi jumejn wara kien ma jiflahx u l- hadd kien off.

Anthony Bonnici rappresentant ta Mobile Communications Ltd ikkonferma t- talba tal- pulizija rigwardanti l- mobile phones aktar il- fuq indikati u esebixxa r- ricerki tieghu GO 1, GO 2 u GO 3.

Dwayne Carabott a fol 71 ikkonferma r- rapport ta serq ta handbag minn Demaris Mifsud f’ Lulju, 2009 waqt photoshoot fuq il- bahar u li hu kien ta il- mobile tieghu Blackberry no 79512784 valur ta Ewro 315 lil Demaris ghal- safe keeping.

Ikkonferma lil kien ra l- imputat xi jumejn wara f’ xi festa izda ma kien qallu xejn dwar il- handbag u il- mobile li osfru u ikkonferma ir- ritratti RCX 1 sa 21.

Demaris Agius nee Mifsud ikkonfermat r- rapport taghha u x-xhieda ta Carabott u ikkonfermat ir- rilaxx tal- mobile taghha u r- ritratti RCX 1 sa RCX 21.

Alfred Magro xehed a fol 86 et sec u rapport tal- Captain Morgan Cruises u kkonferma li l- vapur ‘Atlantis’ kien mikri lis- socjeta Mayfair Complex Ltd.

WPS 248 Kimberly Hili kkonfermat li l- imputat kien membru tal- korp tal- pulizija minn Frar 2003 ( ara Dok WPC a fol 93 et sec).

Michael Savona a fol 95 esebixxa Dok JS a fol 97.

Christopher Harmsworth a fol 98 kkonferma l- istqarrija tal- imputat u xehed illi l- imputat kien ikkonsenjalu basket li fih kien jikkontjeni handbag, 3 mobiles, dokumenti personali ta Dwayne Carabott u Demaris Mifsud u kkonferma l- ogetti li jidhru fir- ritratt RCX 1 sa RCX 21. PS 263 ma dehrlux li l- pulizija kienu investigaw xi nies ohra ghajr l- imputat.

Mark Sansone a fol 109 iproduca lista tal- l- mudelli li kienu fuq il- vapur Atlantis ( ara Dok S)

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi fuq prodotti, b’mod specjali ghall-istqarriji ta’ l-imputat u t-testimonjanza tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, din il-Qorti ma ghandiex konvinciment morali illi l-imputat, fil-fatt, kien responsabbli ghas-serq ta’ *handbag* u *computer bag* kontenenti tlett *mobiles* meritu ta’ l-akkuza. Dan qieghed jinghad il-ghaliex m’huwiex verosimili illi l-imputat, illi ghandu erba’ u ghoxrin (24) sena u sitt (6) snin esperjenza fil-Korp tal-Pulizija, u fedina penali nettissima, b’dana li lanqas kontravvenzjoni ma hija registrata kontra tieghu, ser jarmi dana kollu u jitlef ghaqlu u l-karriera tieghu fuq tlett *mobiles*.

Il-Qorti illi fliet bir-reqqa z-zewg stqarriji ta’ l-imputat illi huma xhieda ta’ interrogazzjoni intensiva da parti ta’ l-Ufficjali Prosekuturi u rat illi l-imputat baqa’ jichad illi huwa seraq il-*handbag* kontenenti l-*mobiles*. Din il-Qorti temmen illi l-imputat gie mahkum minn biza’ kbira u ppanikja dwar dak illi kellu jaghmel il-ghaliex beza’, illi s-superjuri tieghu fil-Korp ma kienux ser jemmnuh u ttratjeni milli jirritornahom. Il-fatt illi ttratjeni milli jirritornahom, aggravat is-sitwazzjoni ta’ l-imputat li aktar sab ruhu mahkum minn biza’ kbira. Illi, di piu’, il-Qorti gharblet lill-imputat fil-pedana tax-xhieda u hi tal-fehemha illi l-imputat kien imbarazzat bis-sitwazzjoni illi sab ruhu fiha, imbarazzat mill-biza’ li hakkmitu u mill-fatt illi ma sabx il-hila jirritorna dawn il-*mobiles* minnufih u li din il-biza’ inizjali aggravat u kkumplikat is-sitwazzjoni ta’ l-imputat aktar u aktar minhabba l-fatt illi l-imputat ghamel jumejn ma jiflahx.

Illi l-provi juru illi l-imputat bl-ebda mod ma pprova jmexxi, jbiegh jew japprofitta minn dawn il-*mobiles* u jirrizulta b'mod anka ampju, illi l-Pulizija sabu l-oggetti kollha, meritu ta' l-akkuza, illi kienu ghadhom fl-istess *hold-all* ta' l-imputat u gew irritornati minnufih lil sidhom**. Irid jinghad illi l-** ***mobiles*** **huma notorji ghal kemm hu facili biex jibdlu l-idejn.**

Illi din il-Qorti temmen li l-akkuza illi kienet tinkwadra l-fatti spece ta' dan il-kaz, kienet dik ai termini ta' Artikolu 340(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe:

***"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-propjeta', kull min-***

***(a) Ommissis***
***(b) Ommissis***
***(c) Meta jsib hwejjeg li jkunu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, ma jgharrafx bihom, fi zmien tlitt ijiem, lill-Pulizija Esekuttiva;***
***(d) Ommissis"***

Il-Qorti taghraf illi l-imputat ma giex mixli b'din l-akkuza u ghaldaqstant din il-Qorti ma tistghax issib htija.

Ghal dawn il- mottivi, l- Qorti ssib lil imputat mhux hati skond l- akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------